Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAL-GHOXRIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 3 ta' Settembru 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 12.15pm | Sa | 2.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI (Skuzat ghax imsiefer) |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

## 1. *APPROVAZZJONI TA' MINUTI*

Approvati wara li saret korrezzjoni fuq intervent mis-Sur Zammit u mal-kliem Triq il-Kappar zdiedu Triq il-Faqqiegh u Triq is-Sienja, kif ukoll intervent iehor mis-Sur Borg fejn xtaq izid il-kliem l-ewwel sular fuq l-Attard Football Club ma' sit fi Gnien Hal Warda.

Il-laqgha giet sospiza sabiex titkellem is-Sinjura Lucienne Tabone fuq sistema (software) imhejji minnha ta' Customer Care System. Il-Kunsill ga ghandu sistema ta' Customer Care tal-MITA u l-ilmenti li jidhlu li jikkoncernaw il-Kunsill ma jigux *recorded* ghax isiru mill-ewwel.
**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Isir appuntament mas-Sinjura Tabone sabiex tigi spjegata s-sistema u jekk din hi adattata ghall-Kunsill tinxtara ghall-prezz ta' €500.

## 2. KORRISPONDENZA

🗁 Email minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali rigward temm tas-servizz mghoti mill-Kunsill Lokali b'effett mis-17 ta' Settembru. Ghandha tinzamm l-e-amil at hand.
🗁 Email mingħand is-Sur Edward Said rigward skedar tal-*embankment* fi Triq il-Linja.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill qabel.
🗁 Email mingħand is-Sur Carlos Bugeja mill-Malta Basketball Association rigward talba sabiex isir *training* gewwa H'Attard.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill ma laqax din it-talba minhabba li diga' ghandna l-Attard Basketball Club..
🗁 Email mingħand is-Sur Alfred Farrugia rigward talba sabiex isiru korsijiet ta' Kemm taf Issuq.
**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Il-Kunsill ma laqax din it-talba minhabba li ma jqisx dan il-kors ta' tahrig akkademiku ghall-istudenti jew adulti.
🗁 E-mail rigward talba sabiex isiru klassijiet biex jghinu l-istudenti fil-*homeworks.*
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill laqa' din it-talba imma qabel xtaq ikun jaf kemm –il darba fil-gimgha ha jsiru u kemm huma c-*charges.*
🗁 E-mail minghand Alhag Malta rigward stedina lis-Sindku sabiex imur Seminar barra kollox imhallas bl-eccezzjoni tal-ikel.

**DECIZJONI LI TTIEHDET**:  Il-Kunsill qabel u ghalhekk is-Segretarju ghandu jistaqsi kemm hi l-*Subsistance Allowance* ghall-iSvezja.
🗁 E-mail minghand kumpanija tas-Solar Systems sabiex jaghmlu reklamar fil-pjazza tal-Kunsil ghall-gimghatejn.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**:  Il-Kunsill qabel sakemm isir il-hlas necessarju skond il-bye-law.
🗁 E-mail minghand il-Kunsill Lokali M'Xlokk sabiex nissiehbu maghhom ghal titjib fl-istruttura tal-Monti.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill laqa' din il-proposta u ghandu jibghat risposta f'dan is-sens.
🗁 Ritratti rigward hmieg tal-qtates fi Gnien l-Istazzjon.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**:  Is-Sur Cordina talab li tintbaghat ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet b'talba jekk il-Kunsill jistax jikri xi bicca art.

**3. APPROVAZZJONI TA' SKEDA TA' PAGAMENTI LULJU**

Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq xi pagi tal-istaff ghala dawn ma kienux bhax-xahar ta' qabel minhabba li fi zmienu paga kienet paga u ghala ghax-xoghol tal-elettriku qed jitqabbad dejjem l-istess persuna. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-pagi mhumiex l-istess kull xahar ghax per ezempju jista' jinzerta x-xahar bhal ma gara f'dan il-kaz fis-salarju taghha ta' Lulju fejn ma taqbadhiex l-istess ammont ta' taxxa.  Barra minn hekk, hi saqsiet lis-Sur Zammit jekk innotax li f'Gunju hi ma hadietx paga u kien ghalhekk li l-paga ta' Lulju kienet kemmxejn iktar minhabba li naqqas is-*ceiling.* Is-Sur Zammit wiegeb li ma nnutax li f'Gunju ma hadietx paga.  Is-Sur Bartolo intervjena u qal li l-iskeda ta' pagament qeghda biex jigu nnutati l-pagament relatati ma' kuntratti u mhux ma  pagi minhabba li dawn huma stabbiliti bil-ligi u skond il-pagi tal-haddiema tal-Gvern Centrali.

Rigward is-Sur Valletta, is-Sur Spiteri rrisponda li kienu diga' waslu ghall-ftehim li s-Sur Valletta ghandu jibqa' nkarigat mix-xoghol ta' dawl u dan meta gie mpjegat is-Sur Caruana.  Dan wara kollox kompla jghid ic-cifri huma vera zghar u ma xtaqx li jinhela iktar hin il-Kunsill fuq dawn.

**4. TISMIJA TA' TRIQ GDIDA FI TRIQ L-GHENBA – DECIZJONI FINALI**

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq l-informazzjoni mitluba fuq Gerardu Azzopardi. Dott. Messina Ferrante qal li hu jippreferi li jibqghu fuq it-tema tal-ismijiet tal-akkwati. Is-Sur Gerald Borg kien issuggerixxa Triq Ta' Fgieni.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Saret votazzjoni u bi sitt voti favur Triq Ta' Fgieni, Vot favur Triq Geraldu Azzopardi u astensjoni wahda gie deciz li tissemma' Triq Ta' Fgieni.

Is-Sur Spiteri talab li jkun skuzat u ghalhekk ressaq il-Punti Mqajjma tieghu f'dan il-mument.

Qabel ma tkompliet il-laqgha tkellem is-Sur George Farrugia, President, Attard Athletic Club fuq il-kwistjoni tat-trophies li prezentament qed jinxtraw minghand Horace Enterprises.  Hu qal li l-Isports Experience mhux armat u qatt ma hareg sodisfatt mal-ebda Kunsill. Infatti kompla s-Sur Farrugia, meta kien ghamel xi trophies il-klabb hadulu zball fl-ismijiet u l-kwalita' mhix tajba ghax it-trophies tieghu landa. Dan ikkonfermah is-Sur Cordina meta hu ordna xi trophies ghal fuq il-post tax-xoghol tieghu.
**DECIZJONI LI TTIEHDET:** It-trophies ghandhom jibqghu jinxtraw minghand Horace Enterprises filwaqt li jekk ikun hemm bzonn xi tokens dawn jinxtraw jew minghandu jew minghand Alka Ceramics.

**5. TENDERS AGGUDIKAZZJONI**

It-tenders inghataw kollha a bazi tal-irhas offerta:
ALC 01/13 Elle's Urban Services li gie wahdu
ALC 02/13 B. Grima and Sons
ALC 03/13 Island Insurance Brokers
.

**6. GIEH H'ATTARD UPDATE**

Is-Sur Bartolo saqsa meta jaghlqu n-nomini u jekk ircevejniex xi nomini s'issa. In-nomini jaghlqu fil-11 ta' Settembru u sat-3 ta' Settembru kienet dahlet nomina wahda dik tas-Sur Ganni Bonnici.
Gie identifikat l-infieq ghal din il-gurnata li m'ghandux jaqbez l-€2000. Is-Sur Cordina qal li l-prezentazzjoni ha tkun b'xejn offruta mis-Sur Keith Demicoli.
Is-Sur Bartolo ssuggerixxa li ssir laqgha urgenti sabiex jigi diskuss kif ha jingabu iktar nomini.

***7. CAR FREE DAY UPDATE***

Is-Sur Cassar flimkien mas-Sur Bartolo qalu li l-attivitajiet jinkludu marc madwar ir-rahal, *show* bir-roti, tours informattivi, mixja u tellieqa, wirja ta' skultura, basketball, zumba, street art li ghalihom hemm bzonn 5 folji *marine plywood*, 2 dawriet bir-roti....Is-Sur Cassar qal li ghall-i*street art* il-Kunsill irid jikkuntatja lil James Micallef Grimaud 9945 6835.

**8. FULJETT – FORMAZZJONI TA' BORD EDITORJALI**

Is-Sur Bartolo qal li l-ahhar rivista kienet iktar taghti indikazzjoni li gejja xi elezzjoni milli informazzjoni li suppost titwassal lir-residenti. Hu qal li per ezempju r-rivista tista' tiffoka fuq intervisti bhal mal-President ta' Malta issa li waslet biex tintemm il-kariga tieghu etc.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Is-Sur Cordina se jibqa l-Editur imma l-kontenut jigi supervizjonat mis-Sur Bartolo u Dott. H. Messina Ferrante. Hadd ma sab oggezzjoni.

**9. TKOMPLIJA DISKUSSJONI UFFICINI TAL-KUNSILL**

Ha tinhareg tender u s-Sinjura Mifsud ghadha thejjija mill-aktar fis possibli. Is-Sur Spiteri ppropona li tintbaghat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija rigward li l-ghassa tal-pulizija tigi mghoddija lill-Kunsill biex jigu estizi l-ufficcini prezenti kif sar f'Hal Balzan fil-kaz tal-Kunsill Lokali t'hemm. L-ufficcini tal-Kunsill kienu parti mill-ghassa zmien twil ilu u kien fil-bidu tal-Kunsilli Lokali li parti minnha ghaddiet il-Kunsill.
**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Kulhadd qabel.

**10. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Saqsa fuq il-binja gdida fi Triq Santa Katerina kif wara l-Press Conference li kien ghamel il-Kunsill xorta baqghu johorgu permessi bl-addocc.
- Ressaq talba minghand Michael Boffa ghall-kollaborazzjoni fi thejjija ta' DVD. Giet approvata s-somma ta' €100 biex ikollu s-sehem fih il-Kunsill.
- Talab li n-Netball Team ta' H'Attard jinghata opportunita' jitrenja gol-*playground* tal-iskola Primarja Tumas Dingli u niffrankaw l-ispejjez tat-trasport.

Is-Sur Gerald Borg ressaq dawn il-punti:

- Li ssir quddiesa ghar-ruh l-eks Sindku Norbert Pace. Is-Sur Cordina qal li din se ssir fis-6.30 ta' filghaxija u wara se jitpogga bukkett fjuri fuq il-qabar tieghu.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Gibed l-attenzjoni fuq progetti taht il-Green Mobility Projects.
- Li ssir bankina shiha Triq ir-Ruzell
- Li sabiex titnaqqas il-velocita' tal-vetturi jsiru bhal Dragon's Teeth li jinxtraw mill-hanut l-Gudja flok sleeping policeman ghax jaghmlu inqas hsejjes.

- Li fil-5 t'Ottubru se terga' ssir Refab Day fejn jingabru hwejjeg uzati.

Is-Sur Herbert Messina Ferrante ressaq dan il-punt:
- Li jizdiedu l-parking bays fi Triq Karm Debono u jitnaqqsu l-linji sofor mill-kantunieri biex jigu akkomodati iktar bays minhabba li qed isir parkegg anka fuq il-linji s-sofor.
  **DECIZJONI LI TTIEHDET** : Il-linji qeghdin kif suppost

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:
- Talab jistax jinnomina lil xi hadd. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li trid timtela' l-formola tan-nomina u ma jistax isir bil-fomm.

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:
- Li ghandu e-mail minghand Audrey Testaferrata de Noto sabiex jinqalghu it-tabelli ta' Triq il-Linja.
  **DECIZJONI LI TTIEHDET** : Il-Kunsill ma qabilx li dawn jitnehhew qabel ma tinstab soluzzjoni alternattiva u jekk din tibqa' tippersisti tinzamm Konferenza Stampa.

**11. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-2.00pm għat-Tlieta, 8 t'Ottubru 2013 fil-5.30pm.

________________________ Sindku

____________________ Data